**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 30 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 260/21 AL

A B

vs

C B

(MR Number 765/2006)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi r-rikorrent u l-intimata zzewgu gewwa Malta, nhar il-tlieta ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta, (03.06.2006) u dana skond l-anness Certifikat taz-zwieg mmarkat Dok 'A';

2. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, D fl-20 ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (20.11.2008) kopja informali tac-certifikat tat-twelid hawn anness bhala Dok 'B' ;
3. Illi r-rikorrenti u l-intimata ilhom jghixu separatament minn xulxin mis-sena elfejn u ghaxra (2010) u ssussegwentement isseparaw minn xulxin b'mod ufficjali u legali permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella datat tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (03.05.2012) liema kopja awtentikata tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'Cl ' u saret korrezzjoni fuq l-istess kuntratt ta' separazzjoni permezz ta kuntratt iehor in atti tal-istess Nutar Dr Nicholas Vella data 22 ta' Lulju 2015 li qed jigi wkoll hawn anness bhala Dok 'C2';

4. Illi Ilum il-gurnata m'hemm ebda prospett li r-rikorrent u l-intimata jirrikonciljaw stante li ilhom jghixu separatament ghal dan l-ahhar hdax-il sena (11). In oltre illum il-gurnata ghandhom hajja separata minn xulxin u addirittura hemm rabtiet ohrajn ma' persuni ohra;

5. Illi in oltre r-rikorrent m’ ghandu ebda pendenza rigward manteniment ghal ibnu minuri mentri l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt ta' kwalunkwe manteniment reciproku a favur ta' xulxin;

6. Illi r-rikorrent jixtieq jiddevorzja u jaqbel li z-zwieg ghandu jigi mahlul;

7. Illi dawn il-fatti sopra Citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghallottjenimnet tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn A B u C B u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai tennini l-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili u kif wkoll tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-Partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provediment iehor li jidrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Lulju, 2021;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx ghal dawn il-proceduri u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Mejju, 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.